236

Tribunal Industrijali

Decizzjoni Numru 2179

Kaz Numru 2679/MF

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Angele Licari (ID No 186271 (M)

U

The Nuance Group (Malta) Limited dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta

Illum 22 ta' Ottubru 2012

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara rikors datat 6 ta' Mejju 2009 mibghuta lit-Tribunal Industrijali mill-Avukat Dr. Vincent Galea li bghat dan ir-rikors ghan-nom ta' Angele Llicari fejn gie mitlub li tigi akkordata kumpens minhabba tkeccija ingusta.

Angele Llcari maghrufa bhala l-appellanta kienet assistit mill-Avukat Dr. Vincent Galea u ghas-socjeta intimata deheret Ms. Isabelle Pisani assistita minn Dr. Katia Mercieca

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellanta ddikjarat li kienet tahdem mas-socjeta intimata ghal diversi snin u fis-sitta ta' Jannar 2009 ix-xoghol taghha gie terminat minhabba li abbuzat mis-sick leave. Thoss li t-tkeccija hija ingusta.

Is-socjeta intimata fl-istqarrija taghha qalet li r-rikorrenti abbuzta bis-sick leave u ttiehdu passi dixxiplinari f'dan il-kuntest fejn giet

itterminat ix-xoghol taghha minhabba raguni tajba u sufficjenti skond il-Ligi.

**PROVI**

Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi. Giet ezebita il-decizzjoni tal-Board of Appeal fuq decizzjoni tad-Disciplinary Board fejn dan it-Tribunal cahad it-talba sabiex jigu ezebiti il-proceduri u ix-xhieda ta' dan il-Board stante li t-Tribunal huwa Tribunal Indipendenti u iridu jigu migbura ix-xhieda quddiem dan it-Tribunal halli jigi evalwati mill-istess Gudiakant u mhux joqghod fuq x'qalu nies ohrajn go forum differenti.

Xehedet Dr. Taygeta Ferman li hija tabiba u qalet li hija t-tabiba tal-kumoanija inimata u marret izzur lr-rikorrenti fejn ratha gejja id-dar u kienet lieba tajba. lr-rikorrenti infurmata illi hija qieghda tiehu xi pillola li thossha hazin meta tohodha u qalet li kienet gejja mit-tabib taghha.

Xehed Paul Salnitro li huwa s-shop manager fejn qal li ilu jaf lir-rikorrenti xi sbatax il-sena u issa hames snin mal-kumpanija Nuance Group. Qal li r-rikorrenti irraportat li kienet sejra ghand it-tabib taghha ghax it-tabib tal-kumpanija ma giex jinvistha. Ir-rikorrenti cemplet fid-19 ta' Ottubru.

Xehedet Antoinette Apap li hija Sales Supervisor fejn qalet li r-rikorrenti kienet tahdem bhala Sales Assistant. Qalet li r-rikorrenti cemplet li hija sick bil-lejl bejn il-19 u l-20. Dik il-gurnata x-xhud qalet li ma setghetx taqbad mat-tabiba tal-kumpanija.

Xehedet Marian Muscat li hija sales supervisor fejn qalet li r-rikorrenti kienet ilha tmintax l-sena tahdem maghha u qalet li r-rikorrenti cemlet fejn talbitha li minhabba li t-tabib tal-kumpanija ma giex jinvistha kienet sejra ghand it-tabib taghha.

Xehed Adil Raihani li huwa l-general manager tal-kumpanija intimata fejn qal li r-rikorrenti kellha tlieta u ghoxrin (23) warnings fuq diversi snin kif ukoll final warning.

Xehedet Isabelle Pisani li hija l-HR Officer tas-socjeta intimata fejn spejgat illi hi ma kinetx xoghol meta r-rikorrenti cemplet sick u kien l-

ghada li cemplet lit-tabiba biex tmur tinvistha. Irrizulta illi r-rikorrenti gabet certifikat ta' tabib li kien datat il-Hadd u mhux it-Tnejn. Fil-fatt gie ccertifikat mit-tabib tar-rikorrenti. Wara li ghaddiet il-korrispondenza kollha lis-superjuri gie deciz li tghaddi bord tad-dixxiplina. Ix-xhud qal lli r-rikorrenti biddlet il-verzjonijiet diversi drabi. Qalet li t-tabiba marret tinvizta lir-rikorrenti madwar erbgha u ghoxrin siegha wara li l-istess rikorrenti irraportat sick.

Xehedet Dr. Nadine Mercieca fejn qalet li kelmet lir-rikorrenti fuq ic-certifikat li hargilha l-ispecjalista tar-rikorrenti u tatha parir biss li d-decizzjoni jekk tkompli x-xoghol jew le hija tar-rikorrenti.

Xehedet Angele LIcari fejn xehedet li dahlet tahdem mal-Air Supplies fis-sena 1989 u mal-Nuance Group xi hames snin ilu. Stqarret li l-ewwel darba li cemplet kien il-Hadd 19 ta' Ottubru ghax ma kinetx tiflah u t-Tnejn qamet mhux hazin. It-Tnejn cemplet ix-xoghol u t-tabib tal-kumpanija ma kienx ghadu gie u infurmat tax-xoghol li kienet ser tidhol xoghol l-ghada. Ir-rikorrenti qalet li kienet sejra ghand it-tabib taghha meta rceviet telefonata li kienet ser tmur tinvistha t-tabib tal-kumpanija u regghet marret lura id-dar fejn sabet it-tabiba tal-kumpanija tistennieha. L-istess xhud tat-spejgazzjonijiet in sostenn tad-difiza taghha fuq id-diversi warnings.

Xehed It-Tabib Ivan Cacciattolo li xehed fuq ic-certifikat li nhareg minn fid-dsatax ta' Ottubru 2008 fejn iccertfika li ic-cerifikat kien hargu hu u ccertifika li kien gastritis pero kienet tajba ghax-xoghol fl-20 ta' Ottubru. Kien tah il-parir biex jerga jarah fl-20. Rega ra fl-20 ghal habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija. Ix-xhud qal li ma ghandux ricevuta.

Xehedet ir-rikorrent in kontro-ezami fejn qalet li ma taqbilx mal-warnings li hargulha u kienet ikkontestathom.

## KUNSIDERAZZJONIJIET

It-Tribunal ikkonsidera diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid li qieghed jemman aktar il-verzjoni tat-tabib Caciattolo. Kien kredibbli u t-Tribunal qieghed jemmen il-vezjoni tieghu. It-tabib mar jinvizta lill-Angele Licari il-Hadd u regghet giet invistata fil-polyclinic it-Tnejn

ezatt wara li li giet it-Tabiba tal-kumpanija. It-Tribunal qieghed pero jinnota ukoll certu koincidenti.

It-Tabib qieghed jemmen ukoll it-Tabiba tal-kumpanija li meta marret tinvizta lir-rikorrenti kienet b'sahhitha u ma inharigx ebda certifikat.

It-Tribunal huwa konxju tal-proceduri li r-rikorrenti messet infurmat lix-xoghol qabel pero hija kredibbli meta r-rikorrenti xehedet li kienet qieghda tistenna jekk tigi ghall-ahjar.

It-Tribunal pero qieghed jinnota l-passat tar-rikorrenti li kien hemm diversi drabi fejn inghatat diversi twissijiet anki jekk fuq affarijiet relativament zghar pero dan ma ghandux jinfluwenza id-decizzjoni ta' dan it-tribunal fuq dan l-incident tat-tkeccija.

It-Tribunal ghalhekk tenut kont tac-crkustanzi tal-kas u ghall-fatt li qieghed jemmen il-verzjoni tat-Tabib Caciattolo jikkonkludi li s-socjeta intimata ma kellhiex ragun meta kecciet ir-rikorrenti.

It-Tribunal ghalhekk jikkonkludi illi l-r-rikorrenti Angele Licari ppruvat il-kaz taghha u qieghed jemmen aktar lir-rikorrenti ghar-rigward il-fatti kif graw.

## Decizzjoni

It-Tribunal Industrijali wara li kkunsidera l-istatements u ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz qieghed jilqa it-talbiet tar-rikorrenti billi jiddikjara illi l-kumpanija ma kienetx gustifikata li tkecci lill-Angele Licari minn fuq il-post tax-xoghol taghha u qieghed jordna lill-istess socjeta intimata thallas is-somma ta' elf u hames mitt euro (euros 1500) lir-rikorrenti.

Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali jiddeciedu billi jilqa dan l-appell bl-ispejjes kontra l-istess socjeta intimata pagabbli lir-rikorrenti.

Ghall-finijiet ta' L-Avviz Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disghin euros u sbatax il-centezmu (euros 93.17).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(iffirmat) Dr. Martin Fenech
Chairman

VERA KOPJA

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju